# IL-PULIZIJA MAGAZINE

Harga Vol 9 - No. 9

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS




Natuzzi®
The sensuous feel of genuine leather
Natuzzi Genuine Leather
fino®
C. FINO + SONS LTD
Notabile Road, Birkirkara Telephone: 447766, 440735 Fax: 447360
fino GROUP

# IL-PULIZIJA MAGAZINE

DOMINE DIRIGE NOS

## F'DIN IL-ĦARĠA


**3** Editorjal

**5** Mill-Assocjazzjoni

**10** A look Back

**12** L-ewwel esperjenza fil-korp tal-pulizija
Amadeo Buontempo Memorial Award

**14** Gabra ta' appelli kriminali (inferjuri)

**16** ...u lil Jesssica Scerri

**18** Transport in Malta Part2

**24** Ghaqda tal-Pulizija Pensjonanti

**28** My Collection

**31** Frogpeople

**33** Delitti Misterjuzi

**35** The Scene of the Crime Part 2

**40** Qattiela Famuzi

**42** Attivita Annwali

**44** Jalghqu 25 sena servizz



Designed, Typeset and Printed at
**Vogue Offset Printers - Qormi.**




**10** 25 servizz



**16** Jessica Scerri



**35** Different types of Cloths



• Ritratt tal-Kopertina
meħud minn PC 84 Paul Xuereb

7UP ®

# EDITORJAL

## Għeluq id-dsatax il-sena mill-pubblikazzjoni tal-magażin

Minn din il-ħarġa, dan il-magażin daħal għad-dsatax-il sena tiegħu u minkejja xi diffikultajiet, bqajna noħorġuh regolari kull xagħrejn, għalkemm kien hemm xi żminijiet verament diffiċli.

Id-dewmien fil-ħruġ tal-magażin kien dejjem dovut minħabba n-nuqqas ta' materjal għall-pubblikazzjoni u kieku mhux għax kienu l-isforzi ta' ċertu nies, kien ikollna nieqfu.

Mhux faċli daqskemm wieħed jaħseb li takkwista l-materjal għall-pubblikazzjoni fil-magażin tagħna, meta niftakru li dak kollu li jiġi ppubblikat huwa konnes jew kważi konnes mal-pulizija.

Għalkemm saru u għadhom isiru diversi sejħiet lill-membri tal-Korp, kif ukoll lil nies oħra barra l-Korp biex jgħinuna bil-kitba tagħhom, iżda ftit kienu dawk li wieġbu għas-sejħa tagħna u wisq nibżgħu li il-pożizzjoni ser tibqa' l-istess.

Qegħdin ukoll naraw kif nistgħu nagħmlu l-magażin aktar attraenti kif fil-fatt qed tinnotaw saru diversi bidliet.

Ta' min wieħed ifakkar li fil-passat qabel ma saret il-pubblikazzjoni ta' dan il-magażin, kien isir ħafna tgergir għaliex kienet tinħass il-ħtieġa li anke l-pulizija jkollha l-pubblikazzjoni tagħha.

Għaldaqstant nappellaw lil kulħadd biex dawk li jistgħu jgħinu biex inkomplu bil-pubblikazzjoni jagħmlu mill-aħjar li jistgħu sabiex dan il-magażin ma jieqafx.

*Editur.*


IL-PULIZIJA MAGAZINE

Editur: PC 512 Martin Ellul
Membri Bord Editorjal:
PC 59 D. Saliba
WPS 21 J. Scerri

**Volume 9 No. 9**
*Maħruġ mill-Pulizija*

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat lill-Editur:

***Il-Pulizija Police Library, Police Headquarters, Floriana CMR 02.***

Abbonamenti għall-Pulizija għandhom isiru fl-Indirizz imsemmi għall-prezz ta' żewġ liri Maltin fis-sena, u tirċievi il-magazine id-dar bil-posta.



Il-materjal li jiġi ppublikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.



IL-PULIZIJA
tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtuna u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.



# NOTHING BUT THE BEST.

## QUALITY GOODS AT BARGAIN PRICES

*at* MALTA INTERNATIONAL AIRPORT.

Shop and fly at Malta International Airport's *Tax and Duty Free Shopping Centre*. You will find our prices irresistible and our range of products impressive ~ spirits, tobacco, perfumes, hi-fi, electronics, jewellery, watches, stationery, soft toys, souvenirs, skincare products, leather goods and accessories, confectionery, delicatessen and fine wines, costume jewellery, sportswear and accessories, music and video products and of course, our own Island Bar and Cafeteria to sit back and relax as you await your flight.

***For further information call Freephone number: 0800 77 66 88.***

MALTA
TAX
FREE
AIRPORT SHOPPING

MORE *for* LESS.

# Mill-Assoċjazzjoni Minn PS 59 David Saliba - Segretarju MPA

## Is-Summer Camp Reġa' Magħna



Xahar wara xahra u sħana diġa bdiet tagħmel tagħha. F'dawn ix-xhur tas-sajf l-Entertainment Ċommittee fi ħdan il-korp tal-pulizija tkun fl-aqwa tagħha fit-thejjiet tagħha għas-summer camp, għall-ulied il-membri tagħna. Attivita' li issa ilha ssir għal bosta snin u tinżel għasel għal dawk it-tfal li jieħdu sehem. Għall-organizzaturi, dawn il-ftit jiem ifissru aktar xogħol, imma madankollu jservu biex jieħdu ftit 'break' ukoll. Il-helpers u l-organizzaturi, id f'id flimkien, iħarsu lejn dan l-avveniment bħala 'challenge' u wieħed jista' jgħid li sar appuntament fil-kalendarju ta' kull sena. Ngħiduha kif inhi biex tieħu ħsieb dawk it-tfal kollha, trid daqsxejn paċenzja. Finalment, huwa wkoll ta' sodisfazzjon meta fl-aħħar jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid u kulħadd ikun ħa gost.

Ta' min jgħid li l-ispejjes għal dan is-summer camp jitħallsu nofs bin-nofs, bejn il-fond ta' l-assoċjazzjoni kif ukoll fond ieħor magħruf bħala l-'general fund'.

Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-ispejjes kollha tas-'summer camp' jammontaw għal madwar Lm1100.

### Warajh ikun imiss il-party tal-Milied

Attivita' oħra li l-assoċjazzjoni toħrog; nofs l-ispejjeż flimkien mal-fond 'general fund' huma l-attivitajiet li jiġu fit-tmien is-sena u cioe' l-party tal-Milied tat-tfal.

Din l-attivita' taqa' taħt ir-responsabilta' ta' l-'entertainment committee' ukoll, fi ħdan l-istess korp u ta' kull sena dan il-party jiġi organizzat b'ċertu pompa, hekk kif ser naraw!!!

Ta' min ifakkar li s-sena l-oħra l-'entertainment committee' għamel eżerċizzju żgħir li għalkemm ġie kkritikat, sewa mhux ftit lill-'entertainment' biex jiġu ffrankanti ammont konsiderevoli ta' flus. Is-sena l-oħra l-membri tal-korp li uliedhom kienu jikkwalifikaw għar-rigal kellhom jipproduċu kopja taċ-ċertifikat tat-twelid.

Dan l-eżerċizzju bħalma diġa' għedt ġie kkritikat minn bosta, iżda sewa ħafna għax b'hekk inxtraw ir-rigali li kien hemm verament bżonn.

Sfortunatament, fis-snin ta' qabel, ġara li kien hemm min seta' abbuża u kiteb aktar tfal milli verament kellu, u b'hekk kienu jieħdu rigali t-tfal tat-tfal, u tfal tal-ġarr, insomma, b'din il-miżura kienet mezz ta' kif wieħed seta' jikkontrolla kif ukoll jikkonferma dak li kien qed jitniżżel, allura ċ-ċertifikat elimina ħafna problemi. Kif ukoll weġġa' ftit l-inegrita ta' bosta membri, iżda bħalma dejjem jiġri, dan kien każ ieħor fejn mal-ħażin weħel it-tajjeb.

Ta' min jgħid li r-rigali u l-party li jsir fiż-żmien il-Milied, bħas-summer camp ukoll jinqassmu bejn l-MPA u l-general fund. Ir-rigali għalkemm jinxtraw bi prezzijiet moderati ferm xorta waħda l-ammont ta' spejjeż li jintefqu kull sena jaċċedu 'il fuq minn Lm8,000.

Figura allarmanti ferm meta wieħed iqis li mhux kull wield tal-pulizija huma ntitolari għar-rigal, iżda s-sistema użata hija dik fejn tfal ta' ċertu age groups bejn 2 sa 12 huma eliġibbli.

Inkwetanti huwa l-fatt ukoll li ta' kull sena din il-figura qedgħa tiżdied b'mod li qed toħroġ 'way beyond proportion'.

### Pożizzjoni ġdida mill-MPA

L-assoċjazzjoni trid tagħmilha ċara mill-bidunett li din is-sena ser tipproponi kambjamenti drastiċi sabiex ma jibqgħux jintefqu dawn l-eluf ta' liri f'rigali. Liema rigali wara kollox nistgħu ngħaddu mingħajrhom u l-flus jintużaw aħjar.

Jien personalment diġa' tkellimt mal-Kummissarju u esprimejt ix-xewqa ta' l-assoċjazzjoni fuq dan ir-rigward u nista' ngħid li huwa stess huwa preokkupat ferm dwar l-infieq ta' dawn il-flus meta l-istess ammont jista' jiġi użat aħjar u aktar bil-għaqal. Ta' min iqies li l-korp għandu numru sabiħ ta' membri żgħar li għada pitgħada, ukoll ser ikollhom it-tfal tagħhom u għalhekk l-ispejjeż se jikbru fil-ġejjieni u mhux jonqsu. Wisq nibża' li jekk wieħed ma jarafx jikkontrolla minn issa, l-iskop li l-MPA jkollha ċertu ammont ta' flus taħt rasha se jisfaċċa fix-xejn.

Għalhekk irrid nagħmilha ċara minn issa lill-membri ta' entertainment commitee li kontra kif kien isir fis-snin ta' qabel u ċioe' id-drawwa li l-ewwel jinxtraw ir-rigali u jagħtuna l-irċevuta għas-sempliċi raġuni li hemm l-assoċjazzjoni tippompja l-flus, din trid tispiċċa darba għal dejjem. Iżda din is-sena qabel ma jsir xi xiri ta' rigali, il-kumitat għandu javviċina l-board eżekuttiv tal-MPA biex japprova in-nefqa ta' dik is-sena partikulari.

# Meeting our horizons with heritage in mind.

AX

HOLDINGS



Development and progress are at the root of all civilisation. AX Holdings is a group of companies as proud of their heritage as of their future.

As the needs and expectations of our clients become more challenging, we respond by developing more sophisticated services, broadening our range of skills and increasing capabilities far beyond simple contracting.

In all our services - construction, development, tourism, health care, electronics and aquaculture - you will find that our emphasis is on a professional and practical approach of the highest quality.

AX Holdings faces the future with confidence and determination.

**AX House, Mosta Road, Lija BZN 09.**
**Telephone: 415661/2/3. Fax: 411698.**

THE AX HOLDINGS GROUP OF COMPANIES

ANGELO XUEREB (CONSTRUCTION) LTD. GENERAL PRECAST CONCRETE LTD. HARD ROCKS LTD. OIL & CONSTRUCTION INTERNATIONAL LTD.
THE SUNCREST HOTEL. THE GRAND HOTEL VERDALA. HOLIDAY RESORTS LTD. SUNNY HOMES LTD. CAPUA PALACE LTD. AX ELECTRONICS LTD. SEALAND LTD.

L-entertainment committee ser tiġi magħrfa uffiċjalment dwar din il-miżura bil-miktub fil-jiem li ġejjin, ġaladarba jiġu finalizzati l-kumitati l-ġodda, wara li jkun saru l-elezzjonijiet.

Qabel ma' wieħed jaqbad u jgħaddi xi kumment dwar dan il-proponiment fil-bdil ta' xiri tar-rigali dawn huma ftit mir-raġunijiet ewlenija li wieħed irid jirrifletti ftit fuqhom.

Sas-sena l-oħra l-entertainment committee kienu jiġbru lista tat-tfal tal-pulizija u jagħmlu nota ta' l-etajiet tagħhom. Wara kienu kklassifikawhom f'age groups, u mbagħad jixtru r-rigali.

## Eluf kbar ta' liri...

Kien jiġri li tifla ta' pre-eżempju, tliet snin kienet tieħu l-istess pupa bħal dik ta' tifla ta' sitt snin għax jaqaw fl-istess age group. Jiġri wkoll li tifla ta' tliet snin wisq probabli tieħu l-istess rigal għal bosta snin sakemm titla' f'age group ieħor, u b'hekk nisimgħu ħafna kummenti bħal ara bħal tas-sena l-oħra!!! nista' nibdlu!!! għax hekk qalet is-sena l-oħra!!! u kif nasal id-dar ser tgħidli pupa oħra bħal tas-sena l-oħra, pa, pa...

Fatt ieħor huwa li xi kultant filwaqt li l-pupa (per eżempju) tkun ferm addatta għal tifla ta' tliet snin din tkun 'childish' wisq għal dik ta' sitt snin.

Din il-problema tinsab fi kwalunkwe 'age group' sew tas-subien kif ukoll tal-bniet. Min-naħa l-oħra biex tikkuntenta l-kulħadd hija ħaġa mpossibbli. U ta' min japprezza dan il-fatt ukoll.

Fl-opinjoni tiegħi din is-sistema ħolqot ukoll diskriminazzjoni peressli wield ta' 12-il sena jieħu rigal ta' ċertu ammont ta' flus waqt li wield ta' eta' żgħira ovjament jieħu anqas sa ċertu punt tifhima wkoll pero' ta' spiss tisma kumenti bħal jien mhux Lm5.00 kull tliet xhur bħal ħaddieħor inħallas!!! u nerġa' ngħid sa ċertu punt għandhom raġun ukoll. Għandhom raġun ukoll dawk il-ġuvintur kemm żgħar fl-eta' u oħrajn li għad m'għandhomx tfal jew dawk li kellhom tfal u kibru. Dawn jargumentaw li ma jieħdu xejn lura mill-Lm5.00 li jħallsu, anzi jsostnu li qed jiffinanzjaw lil ħaddieħor.

Argument ieħor validu huwa meta xi membru jkollu ħafna tfal u oħrajn forsi jkollhom wieħed biss. It-tnejn iħallsu Lm5.00 kull tliet xhur.

Dawn l-argumenti huma kollha veru u nissimpatizza magħhom kollha.

Ma nistax ma nsemmiex ukoll l-ammont ta' flus li jintefqu għal ulied il-fizzjali, biex jingħad kollox il-fizzjlai sar rank ta' spettur iħallas sehmu lejn l-MPA allura issa kif l-istess MPA qed toħroġ il-flus għal fizjali kollha 'l fuq minn spettur.

Madanakollu biex niġi lura għall-argument, irrid nispjega lill-membri kollha li l-assoċjazzjoni għal diversi raġunijiet ovji ma tridx tibqa' toħroġ dawn l-eluf ta' liri għar-rigali li ftit li xejn jiġu apprezzati minn uliedna stess. U ngħid huwa kif inhi liema pulizija joqgħod jistenna r-rigal tad-depot biex jagħtihom lill-uliedu. Żgur li barra dan nixtrulhom oħrajn akbar u aktar sbieħ u addattati. Dak li jingħata mid-depot huwa biss rigal ieħor suplimentarju.

## X'ser issir bil-flus u l-MPA ser tiffranka???

Min-naħa l-oħra l-MPA trid li l-eluf ta' liri li se tiffranka jiġu nvestiti mal-kont ta' flus diġa' depositati f'banek kummerċjali u tkabar l-assi kapitali tagħha. U meta jasal iż-żmien li dan il-kapital irendi ċertu ammont ta' interessi l-MPA tkun kapaċi u f'pużizzjoni li tissusidja xi forma ta' polza ta' assikurazzjoni għal membri kollha bla ebda distinzzjoni ta' xejn u ħadd. B'hekk matul iż-żmien, filwaqt li l-kapital dejjem jibqa' hemm, dan jiżdied minn sena l-oħra, u peressli li l-interessi ser jkomplu jgħolew, is-sussidju ikun akbar u b'hekk il-polza dejjem tonqos fil-prezz sakemm jiġi żmien li aħna nħallsu ftit li xejn. U jekk matul dawn is-snin jinqala' xi mewt ta' xi membru jew xi injury gravament l-insurance tkun tista' tikkumpensa lill-ulied il-pulizija. Sfortunatament kienu diversi inċidenti fejn rajna lil ulied kollegi pulizija li ħallewna mhux kif nixtiequ naraw lill-uliedna u għalhekk l-isbaħ rigal ta' investiment li jista' jsir huwa li naħsbu flimkien għal dak li jista' jinqala'. Id-destin ma jafu ħadd. Dak li ġara lil sieħbi seta' ġara lili, għaldaqstant l-isbaħ rigal li nistgħu nħallu lill-familja tagħna huwa li ma nħalluhomx ibagħtu finanzjarjament.

## Investiment verament għaqli

B'miżura bħal din li semmejt tar-rigali, fejn l-assoċjazzjoni tkun qed tifranka l-flus hekk ukoll ikun qed jagħmel l-istess 'general fund' liema fund jitmexxa f'isem il-Kummissarju. Min-naħa l-oħra l-MPA tissuġerixxi ukoll li minflok it-tliet liri li l-Kummissarju jogħġbu jagħtina fiż-żmien il-Milied sabiex issir ir-riċeviment ta' kull branka u sezzjoni din togħla għall-ammont ieħor li jirrifletti ukoll iż-żminijiet tal-lum.

Nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel ir-riflezzjonijiet tiegħu dwar dan kollu, bil-ħsieb li ntejbu l-'welfare' tal-membri. Wara kollox... 'xemx u xita, Alla jaf meta!'

**For Domestic and Commercial Protection**

# CHUBB




## ALARM SYSTEMS

Detects an intruder and alerts someone to action. The top of the range systems can be connected to your closest police station for extra protection.




## SAFES

The convenient and effective way to protect your cash and valuables. Wall, floor and free-standing models available.



## FIRE PROTECTION

Fire alarms can allow enough time for property and people to escape from the ravages of fire. Fire safe filing cabinets give two hour protection for vital documents.







## CLOSED CIRCUIT TVs

Keeps a watchful eye on any situation and records it. Criminals will think twice if they know they're being followed and noted.

## ACCESS CONTROL UNIT

Individual cards are programmed for authorised personnel allowing them to enter only those areas which they are entitled to access.

## DATA CABINETS

Computer discs and tapes can easily be damaged. Data Cabinets protect magnetic data from fire, humidity, pilferage and magnetic fields.





## DEPOSIT LOCKERS

Chubb deposit lockers utilize the area allocated for safekeeping other people's belongings safely and efficiently.

**PHILIP TOLEDO LIMITED**

Notabile Road, Mriehel BKR 01.
Tel: 445566, 444747, Fax: 484316

**Gasan Insurance**
**A g e n c y  L t d**

# Giving a good service means a lot to us

General Accident and Gasan Insurance combine to provide a superior service which reflects quality, experience and integrity.

We provide a full service from our modern and centrally located Head Office in Gzira and we also operate Sales Offices in Valletta and Sliema, apart from a network of representatives throughout Malta and Gozo.

GZIRA HEAD OFFICE



SLIEMA OFFICE



VALLETTA OFFICE



General Accident
A Leading European Insurance Company

**Gasan Insurance**
**A g e n c y  L t d**
Head office: Msida Road, Gzira
Tel: 345 123 Fax: 345 377

# A LOOK BACK By PS 1350 J.Borda

• **Punishments**

PC174 V. Grech 'A' Div
Four days solitary confinement committing acts to the prejudice of good order and discipline
Police Order No. 77
1st September 1922

PC252 G. Tanti 'E' Div.
Confined to Station until further orders. For insubordination.

PC563 A. Spiters 'C' Div.
Confined to Station until further orders and fined 10s. Abandoning his beat and proceeding home.
Police Order No 78
16th September 1922

• **Dress**

(a) Sam Brown belts will be taken into wear forthwith and they are to be worn by all officers, sergeant major and the bandmaster on the following occasions;
(1) When appearing in uniform in Valletta, Hamrun, Sliema and the three cities
(2) When attending the Courts of Judicial Police
(3) When attending Naval, Military or Royal Air Force Courts of Enquiry or Commanding Officers' Orderly Room.

(b) Sam Brown belts with swords will be worn when:
(1) Attending H.M. Criminal Court
(2) Attending Commissioner of Police Orderly Room
(3) Attending Naval, Military or Air Force Courts Martial
Police Order No. 85
16th January 1923

• **Punishments**

PC 185 G. Galea 'A/s' Div.
Awarded 168 hours solitary confinement 'neglect of duty'

PC 486 H.Q.
Dismissed the service committed acts to the prejudice of good order and discipline
Police Orders No.89
16th March 1923

**St. Elmo Married Quarters**

The attention of Police Sergeants occupying the St. Elmo married quarters is drawn to circular dated 19.7.20 House refuse should not be thrown down the sink in future. Traps are being manufactured and will be fitted to sinks as soon as possible
Police Order NO 43
20th August 1920

• **Economy**

a) Clothing and Equipment
In future uniform equipment will only be issued on the certificate of Superintedents that the issue is necessary.

b) Stationery
As the price of paper is still rising, it is most important that the most stringent economy by exercised in its use. The attention of all ranks is drawn to the following means of economising stationery;
(1) Drafting of letters and all other rough work is to be made on old scraps of paper.
(2) Full use of old and obsolete police forms is to be made for departmental correspondence.

WHATEVER THE SETTING,
**WE'RE ALWAYS JUSTIFIED;**

WHATEVER THE PRINTING,
**WE'RE ALWAYS BEST IN THE LONG RUN;**

WHATEVER THE BINDING,
**WE'RE ALWAYS PERFECT;**

WHATEVER THE JOB,
**VOGUE OFFSET PRINTERS.**

**vogue**

VOGUE OFFSET PRINTERS
A DIVISION OF VOGUE LABELS LTD

314, MDINA ROAD, QORMI, MALTA. - TEL: 498878, 487150. - FAX: 493337

# L-ewwel esperjenza fil-korp tal-pulizija

Kien propju fit-12 ta' Frar 1996, li fuq daqsxejn ta' ittra ċkejkna, ġejna nfurmati li ser nibdew it-taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija li hemm fil-Forti ta' Sant'Iermu.

Kien f'din il-ġurnata li għamilna l-ewwel pass fil-Korp tal-Pulizija.

Konna mad-90 ruħ li għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħodu inġbarna kollha fil-bitħa tal-parati, fejn l-Ispettur H. Harrison tana l-istruzzjonijiet. Wara dan, ġejna mlaqqgħin mas-Surġenti PS6 A. Barbieri, PS1036 S. Mallia u PS1226 F. Debono li dawruna mal-post.

Dakinhar stess, Fr. R. Bonnici, il-Kappillan tal-post, qaddes quddiesa biex ikollna bidu tajjeb.

Lili Personali, l-aktar ħaġa li laqtitni kienet id-dixxiplina, hekk kif għandu jkun f'korp iddixxiplinat bħal dan.

Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-istaff kollu li f'dan iż-żmien li ilna fl-Akkademja tawna appoġġ kbir.

Grazzi
Joseph Attard (Trainee)

# Amedeo Buontempo Memorial Award



We would like to congratulate you on your success in winning this year's Amedeo Buontempo Memorial Award.

For this event we gladly present you with this letter which represents a voucher of Lm60 worth of photographic good, redeemable at the above address.

Whilst wishing you continuous success for the future, we remain,
Yours sincerely
Michael Azzopardi
Managing Director.

My wife and I are writing to express our appreciation and thanks to 4 young police officers:- ALE Section - PC826 Kevin Farrugia; PC389 Silvio Bonnici; PC73 Josef Camilleri; Envt. Inspector Mario Gauci.

We are senior citizens spending 2 weeks holiday with a very dear friend whol lives in Mellieħa. Whilst returning from Gozo on the 11pm ferry on Tuesday 11th June, I was approached by 4 young men who began questioning my identity and whether I'd mislaid anything. They produced their ID cards, which I did not study too closely as I was somewhat nervous about the situation, but it transpired that they were police officers who had found my bank-card and a Lm5 note, which I had accidentally dropped whilst boarding the ferry. On production of my passport they happily handed my card and the money over. They politely refused my offer of the Lm5 as a reward but agreed to give me their names and numbers so that I could report my thanks officially to you.

These 4 young men are a credit to the Malta police force and have helped restore our faith in human nature, as one hears so many stories these days about beatings and theft against the elderly.

Thank you once again,

Yours faithfully,
Mr. J. Hanson - Yorkshire, ENGLAND.

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

# Ġabra ta' appelli kriminali (inferjuri)

## kitba ta' l-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti

Il-'Caution' - volontarjeta' ta' l-istqarrija

L-effett tal-'caution' huwa li f'ħafna każi telimina kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu dwar il-volontarjetaÏ ta' stqarrija. Iżda darba jirriżulta - oneru ta' prova dan li jaqa' fuq il-prosekuzzjoni - illi l-istqarrija ttieħdet volontarjament fis-sens tar-rekwiżiti ta' l-art. 654 tal-Kod. Kriminali, dik l-istqarrija tista' ttieħed bi prova kontra min ikun stqarrha.

Il-Pulizija vs Anthony Cassar
30 ta' Novembru, 1978
Imħallef: Onor. O. Gulia B.A. LL.D.

Il-Qorti,
Rat is-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 1978 mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li biha, l-imsemmi Anthony Cassar instab ħati talli f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar sitt xhur xjentement kellu x'jaqsam fin-negozju ta' għaxar (10) 'televisions' tal-kulur ta' valur Lm2,000 - dazju Lm1,200, li l-importazzjoni tagħhom hija projbitaÏ u li fuqhom id-dazju ma ġiex imħallas jew kawtelat bi ksur ta' l-artiklu 60 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana u li biha wara li dik il-Qorti kkunsidrat xierqa l-applikazzjoni ta' l-artiklu 23A tal-Kodiċi Kriminali kkundannat l-istess imputat elf u sitt mitt lira (Lm1,600) multa pagabbli b'rati mensili ta' Lm100-il waħda mill-1 ta' Novembru, 1978;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Semgħet bil-ġurament ix-xhieda prodotti;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jaġġiraw dwar l-istqarrija ta' l-appellant u n-nuqqas ta' 'caution' relattivament kif ukoll dwar il-valur kif stabbilit tat-'television sets' u d-dazju relattiv;

Dwar l-istqarrija li għamel l-appellant u esibita a fol 4 tal-proċess din il-Qorti hija sodisfatta illi l-prosekuzzjoni resqet provi suffiċjenti min-naħa tagħha li minnhom jirriżulta illi dik l-istqarrija ġiet meħuda mit-theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Dan jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tal-liġi fir-rigward a tenur ta' l-artiklu 654 tal-Kodiċi Kriminali. Għandu jingħad ukoll bħala fatt illi l-appellant ingħatatlu l-'caution' ossija t-twissija fil-bidunett ta' l-interrogatorju għalkemm immedjatament qabel l-istqarrija msemmija il-'caution' ma ngħatatx. L-effett tal-'caution' huwa li f'ħafna każi telimina kwistjonijiet li jistgħu jinqagħlu dwar il-volontarjeta' ta' l-istess stqarrija, iżda darba jirriżulta - oneru ta' prova dan li jaqa' fuq il-prosekuzzjoni - illi l-istqarrija tkun ittieħdet volontarjament fis-sens tar-rekwiżiti ta' l-artiklu 654 tal-Kodiċi Kriminali, dik l-istqarrija tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha;

Illi dwar il-valur tat-'television sets' u d-dazju relattiv dawn huma stabbiliti fil-kors normali taħt il-provedimenti rilevanti ta' l-Ordinanza tad-Dwarna (Kapitolu 60) u jirriżultaw ukoll mid-Dokument A, l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana għall-proċediment skond il-liġi, esibit u konfermat minn rappreżentant ta' l-istess Kontrollur tad-Dwana. Għandu bil-kemm jiġi osservat illi mill-provi ma jirriżultax illi sar xi lment mid-difiża quddiem l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u mhuwiex il-każ illi jingħad issa, kif sottomess fir-rikord ta' l-appellant, illi l-proċess huwa monk fl-istess rigward;

Għal dawn il-mottivi:

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-ewwel rata mensili ta' Lm100 mill-multa ta' Lm1,600 inflitta mill-ewwel Qorti għandha titħallas fil-15 ta' Diċembru, 1978.




## GĦANDEK BŻONN L-GĦAJNUNA MALAJR?

☛ Meta ma tibqax attiv daqs qabel, il-kuntatt bit-telefon jiżdied. Jekk ikollok bżonn l-għajnuna, Telecare se jgħinek. Telemalta tagħraf l-importanza li l-individwi kollha jikkomunikaw bejniethom ~ għalhekk dejjem u f'kull ħin tipprovdi l-aqwa servizz anke għal dawk li għandhom bżonnijiet speċjali: bħall-anzjani li jgħixu waħedhom. Għal dawn Telemalta toffri apparat speċjali tat-Telecare. Telemalta tagħmel minn kollox biex taqdi l-bżonnijiet tal-membri kollha fis-soċjetà. **Għal aktar tagħrif ċempel lil Gabriella Bugeja fuq 249499.**

L-EWWEL GĦAJNUNA GĦALIK HIJA L-KORPORAZZJONI LI TIEĦU ĦSIEBEK

telemalta corporation

# ...u lil Jessica Scerri

Spettur R G Zammit

Jessica Scerri, tifla ta' tliet snin ukoll fil-lista ta' nies li kellhom bżonn xi forma ta' għajnuna. Jessica hija l-ewwel wild tal-familja Scerri minn B'Bugia. Din it-talba saret miz-zija ta' Jessica li hija WPS97 Carmen Zammit. Jessica kellha u għad għandha bżonn ta' kura medika speċjali urġenti ġewwa UK.

U propju ma' din it-talba għal għajnuna finanzjarja ingħata bidu għal ġbir ta' fondi. Propju waqt attivitaÏ organizzata għall-festi tal-Milied għall-membri ta' l-SAG inġabret is-somma sabiħa ta' flus, biex bi ftit iktar sforz din is-somma telgħet għas-somma ta' Lm700.

Finalment, nhar il-Ħadd 25 ta' Frar, 1996, is-Sinjura V. Grech - mart il-Kummissarju tal-Pulizija preżentat dawn il-flus lin-nanniet ta' Jessica li huma Mary u Carmelo Scerri.

Bħas-soltu l-preżentazzjoni saret ġewwa l-istess kwartieri, wara s-servizz reliġjuż li jsir kull nhar ta' Ħadd ġewwa l-Kappella fid-depot. Grazzi għas-servizz u ta' l-ieħor li jsir mill-kappillan tal-korp Fr. Raniero Zammit Kappuċin.

Hawn nixtieq ngħid grazzi lil kull min għen biex din is-somma setgħet tintlaħaq, speċjalment barra sħabi ġewwa ta' Kandja lill-ħbieb oħra personali li huma, RAY XUEREB (LUQA) CHARLIE PACE (MOSTA) ANTHONY CALLEJA (CALFAM) PAUL XUEREB (SALINA)SALVU CAMILLERI (ŻEBBUĠ MALTA) GEORGE BARBARO SANT (ALBERTA) FIRE TECH, JOHN PACE KIF UKOLL LILL-ISTAFF TA' ST. PHILIPS HOSPITAL. Insomma grazzi lil kulħadd, iżda grazzi kbira tmur lil Alla li dejjem tagħna kuraġġ biex ma naqtgħux qalbna milli nkomplu nagħmlu dan.

Żgur li din ma kienetx l-unika għajnuna li ċ-ċkejkna Jessica ngħatat, għax wieħed malajr jiftakar kemm il-Maltin huma ġenerużi f'talbiet bħal dawn. Iżda, żgur li wieħed għadnu jkompli l-ġenerożita' tiegħu bili joffri talb ħalli Jessica terġa lura fi ħdan il-ġenituri tagħha qawwija u sħiħa kif ukoll infejqa għal kollox.

Hekk kien l-appell li għamel in-nannu ta' Jessica meta tkellem fuq wieħed mill-istazzjonijiet tar-radju u ċert li dan l-appell ser jinstema'.

PS Le ħbieb, taħsbux li dan kollu hu xi forma ta' ftaħir, la għalija u lanqas għal xi ħadd ieħor. Lanqas ma hi xi forma ta' karita' li wieħed jaħseb li għandu dritt jagħmel f'ħajtu, iżda huwa sens ta' dover qawwi, ta' mħabba kbira kif ukoll ta' rispett li lkoll kemm aħna għandna nuru lejn xulxin.

Grazzi.

## Għajnuna finanzjarja lid-dar tal-Providenza

Matul il-festi u l-perjodu sabiħ tal-Milied, ħafna huma dawk li joffru xi forma ta' għajnuna, kemm lill-qrabathom, lil xi familjari xi ħbieb etc. Huma wkoll ġranet li kulħadd jieħu pjaċir b'dik ix-xi ħaġa posittiva anke jekk sempliċiment tkun tbissima sinċiera jew kelma ta' faraġ.

U hekk ġara din is-sena min-naħa tat-taqsima ta' l-SAG. Bħalma jsir ta' kull sena tingħata ftit għajnuna finanzjarja lil ħutna b'diżabilita' residenti ġewwa d-dar tal-providenza ġewwa s-Siġġiewi.

Iżda, fejn is-soltu drabi titella' attivita' ferrieħa, b'ikel u xorb ippreparat għal dawn ħutna, din id-darba din l-attivita' kellha titħassar ħesrem propju fl-aħħar mumenti preċiżament fil-ġurnata li kellha tittella' din l-attivita'. Kmieni filgħodu waqt li kienu qegħdin jitħejjew l-aħħar preparamenti ġejna nfurmati li waħda mir-residenti ħallietna meta għaddiet għal għand il-Ħallieq. Fost dispjaċir kbir din l-attivita' tħasret. Għedt b'dispjaċir mhux biss għax ħallietna waħda minn ħutna iżda għax tlifna dak iċ-ċans ukoll li għal darba nferħħu lil dawn ħutna. Tlifna wkoll dak iċ-ċans li naraw aktar volontiera li minn sena għal sena rajniehom jikbru dejjem fin-numru. M'hemmx x'tagħmel, dak li hu mfassal minnHu huwa wisq akbar minn dak maħsub minna.

Nagħlaq billi ngħid li riċentament ġiet preżentata s-somma ta' Lm200 lil Monsinjur Lawrence Gatt li f'kelmtejn li għamel faħħar din l-attivitaÏ li issa saret parti mill-kalendarju ta' l-SAG. M'hemmx għalfejn ngħidu, nistennew Milied ieħor. Grazzi ħafna.

Spettur R. G. Zammit



*Jessica Scerri*




Plant Hire and
Manufacturers
of Prefabricated
Concrete Products

BALLUT
BLOCKS LTD.

**BALLUT BLOCKS LTD**
Wied Filep, L/O Naxxar.
Tel: (356) 573093, 572666, 576419, 487738.
Fax: (356) 575562

# Transport in Malta part 2

The Traffic Control Board consists of not less than eight and not more than twelve members including the chairman. The establishing of the Traffic Control Board from time to time, for the better of the smooth running and better organisation of the motor omnibus and ferryboat passenger transport service. It has the responsability of the following:-

(a) to establish routes for the conveniance of passengers from one part of the island to another.
(b) group together two or more routes or all routes.
(c) determine which motor omnibus shall operate on any such routes.
(d) alloting the service of any route to any company or companies or one individual person or persons.
(e) vary, cancel or revoke any route or grouping of routes or any allotment of service.

It is important that owner of the motor omnibus performs a service on any day but if he fails alternative motor omnibus of the same type, class or category is to report for duty at the appointed time and day so that the total number of buses on duty is not less then the determined number in order to continue the service for the whole day.

From the Law point of view, the penalty in court for this breach of law if such service is not given to the public the owner of the motor omnibus is deemed to be guilty of an offence and shall be guilty and fined (Multa) of fifty Maltese Lira. For a second or subsequent offence and in the case of the third offence the cancellation of the licence of his motor omnibus.

The service must be given to a motor omnibus indicate the time, manner and conditions in which the service is to be given and the place from which orders, agreements or arrangements for this service are to be made, requiring the distribution among the owners of the omnibuses all fares, fees and other receipts collected by them in the manner, terms and conditions concerning the construction of equipment conditions and maintenance of motor cars and the periodical examination of motor cars by official experts.

## Motor Omnibus or Unscheduled Service

Motor omnibus could be hired for unscheduled service from the central office.

THe owner of any omnibus shall keep a register recording all hires which will include the date - time of commencement and termination of hire the journey performed, the fare agreed for such hire, the name of the driver and the particulars of the person responsable for the hire.

The register is kept at the residence of the owner or at an authorised place.

Any motor omnibus while on unscheduled service display on its windscreen a white board marked 'unscheduled' in black letters and on authorisation given by the public transport office.

## Motor Omnibus on Service Hire

Motor omnibus may be permitted to ply away from their route and run a service between two specified points.

Motor omnibus on service hire display on its windscreen a board marked 'service' infront or at the rear of the vehicle painted white and the letters and the seize are 75mm high and 50mm broad.

Passengers are picked up from between each point on the route. It is strictly prohibited to smoke tobacco on any motor omnibus which is waiting to the public present who could be suffering from an illness.

On public festivities or other special occasions permit a limited number of extra motor omnibus to run on selected routes, fixed at its discration, the hours of service. It is most important to introduce uniforms with badge or medallions to drivers or conductors of a motor omnibus, could present a more disciplined outlook and worn while on duty, a uniform as the case may be of a pattern and colour and it shall be worn from the first day of October of any year to the 31st day of May and the summer uniform shall be worn from the 1st day of June to the 30th of September of any year.

Ticket Inspectors shall wear while on duty a black peak cap and a uniform of a pattern and colour were it is to be kept in a clean and in good state of repair.

For the better of supervision the public transport service promoted Ticket Inspectors to see that route buses perfomr their appointed route in time and the inspection of tickets issued to passengers on every trip.

If any person hinders any ticket Inspector a passenger owner, driver or conductor of a motor omnibus is charged and brought before the court and is liable on conviction be fined (Multa) of not less than five Maltese Lira on first conviction and on a second conviction a fine (multa) of not less than thirty Maltese Lira and a third or subsequent conviction to a fine (multa) of not less than one hundred Maltese Lira but not exceeding two hundred Lira and where the offender is the owner, the court in addition order the cancellation of the licence of the motor omnibus or ferryboat as the case may be.

The licence may be suspended or cancelled if the holder of the licence permits his motor car to be run on the road if not covered by an insurance policy or does not provide security on the road traffic and transportation of passengers.

It is a must that all route bus conductors be introduced again (though these were abolished due to expances and increase in fare for every day service) to increase employment and at the same time have a more efficient service as the driver is restricted to do a two men job considering also the long hours of service performed each day.

A serious of lectures from time and time are to be launched to drivers, conductors, ticket inspectors and all those involved in the running of this service to be aggorned with new regulations to achieve a high standard in the way these employees conduct themselves towards the public and to observe the public transport regulations in a more scruplious way.

When the introduction again of conductors rules are to be applied to regulate the system.

These rules are to be observed at all times and by these rules the conductor could guide or help the driver due to fatigue in the better of operating the bus on the road.

The conductor will not be allowed to site next to the driver on a motor omnibus when it is in motion or when passengers are being carried. The conductor shall


PEUGEOT
TOP OF FAMILY CAR TREE
The car of tomorrow, today!
406
The arrival of the new Peugeot 406 goes to top of family-car tree, marking a fresh stage in evolution of a new era in family cars.
Standard equipment includes Air Conditioning, driver airbag, electric windows, power steering, tinted glass, central locking and heated mirrors.
"We reckon it is the Finest Family Car you can buy."
(WHAT CAR MAGAZINE - Feb. 1996)
PEUGEOT
CONCESSIONAIRES
Available in Petrol and Diesel engines
MICHAEL ATTARD Ltd.
National Road, Blata l-Bajda
Telephone 23 88 54 - 22 19 51
Psaila Street, St. Venera
Telephone 44 93 12

remain near the entrance of the motor omnibus when stopping at a stage to pick up or putting down passengers.

It is also the duty of both the conductor and the driver to see to it that all passengers will have taken their place in the motor omnibus before it is set in motion.

The driver or the owner are responsable for the maintenance and driving of the vehicle on the road.

### Route Buses Destination Boards

Before the late 70's route buses were constructed and coloured in a different way as we know them today.

Every route bus proceeding from Valletta to its respective towns or village were assigned with different colours to there respective destination.

A new system was introduced and all motor omnibuses were later painted in one colour bearing only distinctive words, mark figures or numbers as may be directed.

All motor omnibuses while on scheduled service show their destination and the route number and while on unscheduled service, indicate such fact in a manner and in such place on the advice of the traffic-control board.

# Bus Routes - Malta

| Route | Number of Routes | Route | Number of Routes |
|---|---|---|---|
| Għarmier | 50/51 | Mġarr | 46 |
| Attard | 40 | Mosta | 53 |
| Balzan | 74 | Mqabba | 35 |
| Birkirkara | 71/72/78 | Msida | All the buses to Sliema |
| Birżebbuġa | 11 | Naxxar | 54 |
| Buġibba | 49 | Paola | 5 |
| Buskett | 81 | Pieta | All the buses to Sliema |
| Ċirkewwa | 45/48 | Qormi | 90/91 |
| Cospicua | 1/2/3 | Qrendi | 35 |
| Dingli | 81 | Rabat | 80 |
| Fgura | 18 | Safi | 34 |
| Floriana | All buses | St. Andrews | 68 |
| Għadira | 44 | S' Anton Gardens | 74 |
| Għ'Tuffieħa | 47/52 | St. Julians | 62 |
| Għar Lapsi | From Siġġiewi | San Ġwann | 65 |
| Għargur | 55 | St. Paul's Bay | 52 |
| Għaxaq | 8 | St Lucia | 15 |
| Gudja | 8 | St Venera | 78 |
| Gżira | All buses to Sliema | Senglea | 3 |
| Ħal Far | 13 | Siġġiewi | 89 |
| Ħamrun | 73 | Sliema | 60-68 |
| Kalkara | 4 | Tarxien | 8/11/26 |
| Kirkop | 34 | Vittoriosa | 1 |
| Lia | 40 | Żurrieq | 32/38 |
| Luqa | 36 | Xgħajra | 21 |
| Mgħarfa | 45 | Żabbar | 18 |
| Marsa | 5/8/11/18 | Żebbuġ | 88 |
| Marsascala | 19 | Żejtun | 26 |
| Marsaxlokk | 27 | Mellieħa | 43 |

# Bus Routes - Gozo

| Route | Number of Routes | Route | Number of Routes |
|---|---|---|---|
| San Lawrenz | 1/11 | Munxar | 50/55 |
| Kerċem | 14/18 | Ta' Pinu | 61 |
| Marsalforn | 21/22 | Xagħra | 64/69 |
| Mġarr | 25/26 | Xewkija | 73/78 |
| Nadur | 29/30/31 | Xlendi | 87 |
| Għajnsielem | 40/44 | Għasri | 91/94 |

Every passenger are to pay the appropriate fare for the journey he wishes to take on a motor omnibus.

All intending passengers take their turn in an orderly queue to board the bus and consequently pay the appropriate fare on the vehicle alloted for the trip.

The new introduced destination marks and colours at present in Malta are coloured yellow/orange, with a white roof. The interior part of all omnibuses are painted white unless the material adopted in the construction are of a finish

# BUPA Malta Private Hospital Scheme



## Service without Compromise

The BUPA Malta Private Hospital Scheme has been developed specially for residents of Malta and Gozo.

It provides extensive and flexible cover for the costs of hospital and out-patient treatment. And it offers a wide choice of options, so you can really be in control of your own and your family's health care.

The BUPA Malta Private Hospital Scheme offers such attractive benefits as:

- Prompt private treatment at a time to fit in with your work and family commitments.
- Flexibility to choose the specialist to treat you personally.
- Cover for each stage of treatment - from the first visit to the family doctor, right through treatment in hospital and afterwards.
- Fast access to participating hospitals in the Maltese islands, where eligible in-patient treatment costs are paid direct by BUPA Malta.
- The comfort of private hospital accommodation.
- Individual attention and specialised nursing care.
- Affordable subscriptions, with a choice of convenient ways to pay.
- No age limit on joining.
- No limit on the number of claims in any one year subject to certain benefit limits.
- A choice of optional extra benefits to suit your individual health care needs.

For full information on BUPA schemes please phone now or send for details by completing this coupon and mailing it to: BUPA Malta, BUPA House, 32 St. Paul Street, Valletta VLT 07. Telephone: 244162 Fax: 234795

- **BUPA is Britain's - and one of the world's - leading independent health care organisations.**
- **BUPA protects over 3.5 million people world-wide and over 50,000 in Malta and Gozo.**
- **BUPA pioneered private health care in Malta in 1971.**
- **BUPA runs its own hospitals and pioneered health screening in the UK.**

**BUPA Malta**

**I am interested in BUPA cover for private medical treatment in:**

☐ **PRIVATE HOSPITALS**
☐ **PRIVATE CLINICS**
☐ **MALTA, GOZO, UNITED KINGDOM**
☐ **WORLDWIDE (including Malta and Gozo, but excluding the USA and Canada)**
☐ **WORLDWIDE**

*I am interested in a BUPA Group Scheme for _______ employees, providing treatment in (mention country/countries of preference) ________________*

Name: ______________________________

Address: ______________________________

____________________ Tel: ____________

A

which renders painting unnecessary.

The construction of the roof as we know it is made of wood or of other suitable material which is also painted white. All glass fitted to windows or windscreen must be safety glass, a type of glass so constructed or treated if involved in an accident, when the glass is fractured it does not fly into fragments capable of causing severe cuts to passengers or pedestrians.

Advertisement stickers are strickly prohibited in any place on the bus especially were the obstruction of full view of the driver or passengers.

In future to educate more the public on traffic regulations a small seize sign board is placed in a frame showing and explaining what these traffic signs are used for when encountering them in the street so as these signs are kept as a remainder.

Motor omnibus operating on destination routes are regulated to stop at established points indicated by a 'bus stop' or 'fare stage' set up for the purpose of setting down passengers or loading those actually waiting infront such signs.

Passengers wishing to go down at an authorised bus stop are to signale the driver by pulling a string attached to the ceiling of the bus and automatically the bell rings indicating to the driver that passengers are intended to disend at the next stage.

The driver or conductor obtaines the daily tickets fare from the secretary traffic control board.

Fare tickets consist of different fares changeable to passengers which differ in size and colour and shape. Every driver or conductor when affecting a destination to a particular town or village must be in possession of fare tickets of all fares relative to the particular route.

A passenger mounting route buses they are to pay a ticket fare to the driver (in the present procedure being taken) or the conductor as they enter and take their place either seated or if all benches are occupied remain standing in the passage situated in the middle of the bus passage.

## Construction of Motor Omnibus

Motor omnibus are constructed in a way that its wieght and equipment include all body-work, upholstery and fittings and properly constructed with suitable materials well finished and in good servicable condition and the design has to be capable of with standing the loads and stresses likely to be met with in operation.

The bus scheduled service have imported second hand more advanced motor omnibus or coaches from the United Kingdom being used for the convenyance of local inhabitants or coaches used for the touring of tourist around the Island visiting the most interesting historical places.

These more advanced motor omnibus are replaceing the old wornout buses. The new advanced buses are constructed in a totally different way in seize and capacity and equipment, some are fitted with an air condition system which help during the hot summer months to reduce the hot air accumulated inside although ventilation system is constructed on the roof of the bus. These kind of buses provide a more worm confortable atmosphere whilst travelling from one place to the other during the winter season.

Each bus is constructed according to the approved rules. The body has to be securely affixed to the chassis and has a capacity of twenty six passengenrs but not more then forty six passengers.

One must distinguish between the traditional buses as some are still in use today and those imported for example the engine capacity of a newly imported or locally constructed motor omnibus or when the engine is replaced it must not exceed twelve tones.

One of the most important part of the bus that has to be functioning in a very good condition are the brakes.

The brakes system must be regularly inspected to ensure the good and safe running of the bus during when it is being operated when the need arises to stop abruptly in the case to avoid a serious traffic accidents could have been avoided if more precautions were taken whilst driving even if the speed limit according to the classification of the road inside or outside a town or village.

Every motor omnibus is constructed in a way to have an entrance and exit and emergency door capable of being opened by one operation of the locking mechanism. The reason for requiring these devices are made for the purpose of securing the vehicle when unattended and in case of emergency in case of an accident.

These newly imported more advanced motor omnibus have also another particular advantage as entrance and exit doors and emergency exits are operated automatically by pushing a lever or button from the inside the vehicle is either locked or opened when passengers are discending from the bus.

During the time the motor omnibus is in motion suitable fastenings are to be provided to hold doors securely open when no automatic device is provided to the bus to hold put such door.

All doors including those of emergency exits are also requiring to be so designed as to be readily opened in case of need from both the inside and outside of the vehicle. Emergency exits are to be fitted with doors which open outwards.

The actuating mechanism of all emergency exits are to be easily accesible to persons of normal height standing on ground outside the vehicle.

Motor omnibus are fitted with a permanent top and there are not less then two means of entrance and exit, one of which is situated at the front and on the near side of the vehicle and is used as the ordinary entrance and exit of the omnibus and the other at the back of the vehicle to be used in case of emergency door situated on the right and left side.

These doors are clearly marked 'emergency door' and be so situated that in case of emergency, passengers can step directly from the passage to the outside of the vehicle.

Every vehicle is designed in a way that the driver has adequate room and space and easily reach and quickly operate the controls.

The steering pillar is positioned on the right or offside of the vehicle and the driver's seat is so placed as to permit him to give by hand the usual traffic signals on the offside of the motor omnibus.

It is most important that accomodation is so designed so as the driver has adequate protection during inclemant weather and means to prevent light from the interior of the vehicle from incommoditating the driver.

Before, every motor omnibus is put to service if either it is constructed locally or imported it passes through an examination carried out the police mechanical expert before they are let to be operated on the road. The owner of the motor omnibus has to furnish the necessary information for example full details and sketch of the chassis and a declaration in writing giving details of the vehicle.

The body of the motor ominbus both externally and internally and all windows and fittings and all seats for passengers be maintained at all times in clean and good condition and the seating capacity is clearly marked in a conspicious position inside the vehicle.

All motor omnibuses are inspected annually and those not complying according to regulations or carries some mechanical diffect are replaced with new road worthy buses and in greavious cases the bus is scraped and the licence is cancelled and a new modern important or new locally constructed bus is put in operation.

One of the many things Malta inherited through colonial domination was the importation of double - decker buses. These kind of buses were operated under the Sliema Bus Company in the late 30's.

These double-decker buses were of a kind that their construction was totally different from the once that used to run in the streets, instead of a single deck vehicle these buses were constructed under two decks on ground floor and first floor.

The difference from other buses, the double-deck bus had no first floor deck roof top exposing the passengers to the daily weather elements conditions.

